MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2012

Numru 105/2009

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Oglive Grima

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 207891M, akkuzat talli nhar it-8 ta' Frar, 2009 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, diversi atti maghmulin f'hinijiet differenti fil-Gzejjer Maltin li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u dana bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Jannar, 2009, ikkommetta is-serq ta' madwar tlettin hamiema tat-tigrija minn

barumbara li tinsab fuq il-bejt tal-blokk tal-flatijiet li jinsabu fil-fond: Appartamenti Indipendenza, Blokk Nru. 1, Entratura ‘C’, Triq il-Villa ta’ l-Ammirall gewwa l-Kalkara, liema valur ta’ dawn il-hamiem jammonta ghal madwar 931.75 Ewro u liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bix-xorta ta’ haga misruqa ghad-dannu ta’ Alfred Caruana mill-Kalkara.

2. nhar is-27 ta’ Jannar, 2009, ikkommetta is-serq ta’ madwar tlieta u tlettin hamiema tat-tigrija minn barumbara li tinsab fuq il-bejt tal-blokk tal-flatijiet li jinsabu fil-fond: Blokk ‘D’, Bieb ‘B’, Qasam Bini tal-Gvern, Fuq Tal-Hawli, gewwa l-Birgu, liema valur ta’ dawn il-hamiem jammonta ghal madwar 1630.56 Ewro u liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta’ Raymond Bellotti mill-Birgu.

3. nhar is-27 ta’ Jannar, 2009 filwaqt li kien fuq il-bejt tal-komun tal-blokk tal-flatijiet: Blokk ‘D’, Bieb ‘B’, Qasam Bini tal-Gvern, Fuq tal-Hawli, gewwa l-Birgu, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fuq il-bieba tal-barumbara, propjeta’ ta’ Raymond Bellotti, liema hsara ma teccedhiex it-23.29 Ewro ghad-dannu ta’ l-istess Raymond Bellotti.

4. nhar it-8 ta’ Frar, 2009 ghal habta tal-10:00 ta’ fil-ghodu filwaqt li kien fil-komun tal-blokk tal-flatijiet ‘Wilfred flats’, li jinsabu fi triq l-Isptar Navali gewwa l-Kalkara, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ dak ta’ serq ta’ diversi ghodod li kienu jinsabu f’kamra fl-istess komun, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-valur u bil-lok, ghad-dannu ta’ Joseph Cassar mill-Kalkara.

5. nhar is-6 ta’ Frar, 2009 filwaqt li kien fil-komun tal-blokk tal-flatijiet ‘Wilfred flats’, li jinsabu fi triq l-Isptar Navali gewwa l-Kalkara, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ dak ta’ serq ta’ oggetti li kienu jinsabu f’kamra fl-istess komun, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-lok, ghad-dannuy ta’ Carmel Gerada mill-Kalkara.

6. nhar is-6 ta’ Frar, 2009, filwaqt li kien fil-komun tal-blokk tal-flatijiet ‘Wilfred flats’, li jinsabu fi triq l-Isptar Navali gewwa l-Kalkara, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fuq il-bieba ta’ kamra li tinsab fl-istess komun, propjeta’ ta’ Carmel Gerada, liema hsara ma teccedhiex it-23.29 Ewro ghad-dannu ta’ Carmel Gerada.
7. nhar il-24 ta’ Jannar, 2009 u nhar is-27 ta’ Jannar, 2009, xjentement f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat u xjentement, b’kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
8. kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr. Laurence quintano LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mis-17 ta’ April, 2006 u mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-23 ta’ April, 2008.
9. sar recediv ai termini ta’ l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita’ bil-Ligi, tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati. Mitluba wkoll tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mahruga mill-Avukat Generali u semghet id-dikjarazzjoni tal-imputat li ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat ir-rapport prezentat u mahluf mill-Ufficjal tal-Probation innominat minnha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat ta' serq fiz-zewg istanzi kwalifikat bil-hin, mezz, valur, lok u xorta tal-haga misruqa, b'zewg attentati ta' serq kwalifikat bil-valur u lok u bil-valur rispettivament, bi hsara volontarja, bi ksur tal-kundizzjonijiet marbuta mal-helsien mill-arrest u r-recidiva.

Ghal dawn ir-reati l-imputat irregistra ammissjoni li hi volontarja u inkondizjonata. L-imputat ghandu jinghad kellu 17-il sena meta wettaq l-imsemmija reati. B'referenza ghar-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputat mhux idoneju biex jaghmel servizz fil-kommunita' minhabba li hu tossiku dipendenti.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkonsidrat dan ir-rapport u l-eta' govanili tal-imputat u hi tal-fehma li prigunerija effettiva tkun ta' aktar hsara milli gid ghall-imputat f'dan l-istadju tal-hajja tieghu.

Fid-dawl tal-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali, rat l-Artikoli 18, 261(b)(c)(e)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 270, 271(c), 278(2)(3), 279(a), 280, 281, 325(1)(d), 41(1)(a), 49, 50, 289, 17(b)(h) tal-Kap 9.

Tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggi l-imputat taht is-supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation ghal tlett snin mill-lum b'kundizzjoni esplicita' li jissottometti ghal kull direttiva li tinghatlu mill-istess Ufficjal tal-Probation inkluza dik li jissottometti ruhu ghal kull test tad-demm u/jew urina.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------